

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1949**tat-13 ta' Ottubru 2022**

li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-iffaċilitar tad-dritt tal-moviment ħieles fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa minn New Zealand fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u t-Tokelau maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom meta l-Kummissjoni ssib li dawn iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu skont standards li jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, l-Istati Membri jridu japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirresjedu legalment fit-territorju tagħhom u li huma intitolati jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza stabbilita f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni u tat-test kontra l-COVID-19 maħruġa minn New Zealand fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u t-Tokelau liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, jenħtieġ li tali sejbiet ta' ekwivalenza japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni u tat-test kontra l-COVID-19 maħruġa minn New Zealand fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u t-Tokelau liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu jew jirresjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (3) Fil-15 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1993 ⁽³⁾, li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn New Zealand permezz tas-sistema "My Covid Record" maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

⁽¹⁾ ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirresjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1993 tal-15 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn New Zealand maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 405, 16.11.2021, p. 20).

- (4) Fid-19 ta' April 2022, il-Kummissjoni ġiet informata minn New Zealand li l-Gżejjer Cook, Niue u Tokelau talbu biex issir applikazzjoni għal estensjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1993 sabiex tkopri ċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa fil-Gżejjer Cook, f'Niue u fit-Tokelau. Kif innotat minn New Zealand, il-Gżejjer Cook u Niue huma stati awtonomi f'assoċjazzjoni ħielsa ma' New Zealand, filwaqt li Tokelau huwa territorju mhux awtonomu ta' New Zealand. It-talba ta' New Zealand saret fl-eżerċizzju tal-obbligi li jitqiesu l-interessi vitali tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau.
- (5) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ġiet ipprovduta informazzjoni dettaljata minn New Zealand dwar il-ħruġ ta' ċertifikati interoperabbli tal-vaċċinazzjoni u tat-test kontra l-COVID-19 fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau permezz tas-sistema bl-isem "My Covid Record", jiġifieri s-sistema koperta mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1993. New Zealand informat lill-Kummissjoni li hi tqis li ċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau bl-użu tas-sistema "My Covid Record" qed jinħarġu f'konformità ma' sistema standard u teknoloġika li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, New Zealand infurmat lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau f'konformità mas-sistema "My Covid Record" fihom id-*data* stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.
- (6) New Zealand informat lill-Kummissjoni wkoll li l-Gżejjer Cook, Niue u t-Tokelau jaċċettaw ċertifikati interoperabbli tal-vaċċinazzjoni u tat-test maħruġa mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.
- (7) Fil-25 ta' Lulju 2022, wara talba minn New Zealand li saret fisem il-Gżejjer Cook, Niue u t-Tokelau, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni u tat-test kontra l-COVID-19 maħruġa min New Zealand fir-rigward tal-Gżejjer Cook, f'Niue u fit-Tokelau f'konformità mas-sistema "My Covid Record" huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953, li jippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni u tat-test kontra l-COVID-19 maħruġa minn New Zealand fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau f'konformità mas-sistema "My Covid Record" fihom id-*data* meħtieġa.
- (8) Minbarra dan, New Zealand informat lill-Kummissjoni li hija toħroġ ċertifikati interoperabbli tal-vaċċinazzjoni għall-vaċċini kontra l-COVID-19 fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau, li bħalissa jinkludu l-Comirnaty.
- (9) New Zealand infurmat ukoll lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati tat-testijiet interoperabbli għat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku u għat-testijiet tal-antiġeni maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, stabbilit bl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 (**), fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau.
- (10) Barra minn hekk, New Zealand informat lill-Kummissjoni li ma toħroġx ċertifikati interoperabbli tal-fejqan fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau.
- (11) Minbarra dan, New Zealand informat lill-Kummissjoni li meta l-verifikaturi fil-Gżejjer Cook, f'Niue u fit-Tokelau jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-*data* personali inkluża fihom tiġi pproċessata biss biex jiġu vverifikati u kkonfermati l-vaċċinazzjoni jew ir-riżultat tat-test tad-detentur u mhumiex se jżommu d-*data* wara.
- (12) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn New Zealand fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau f'konformità mas-sistema "My Covid Record" għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(*) Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

(**) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 dwar qafas komuni għall-użu u l-validazzjoni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni u r-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati tat-testijiet tal-COVID-19 fl-UE (ĠU C 24, 22.1.2021, p. 1).

- (13) Għalhekk, iċ-ċertifikati COVID-19 maħruġin minn New Zealand fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau f'konformità mas-sistema "My Covid Record" jenħtieġ li jiġu aċċettati skont il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(5) u fl-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2021/953.
- (14) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li l-konnessjoni ta' New Zealand mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1993 tiġi estiża biex tkopri ċ-ċertifikati maħruġa fil-Gżejjer Cook, f'Niue u fit-Tokelau.
- (15) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi jew ittemm din id-Deċiżjoni jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.
- (16) Fid-dawl tal-ħtieġa li l-konnessjoni ta' New Zealand mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tiġi estiża malajr kemm jista' jkun biex tkopri ċ-ċertifikati maħruġa fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (17) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni u tat-test kontra l-COVID-19 maħruġa minn New Zealand fir-rigward tal-Gżejjer Cook, ta' Niue u tat-Tokelau f'konformità mas-sistema "My Covid Record" għandhom, għall-fini tal-iffaċilitar tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 2

Il-konnessjoni ta' New Zealand mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 għandha tiġi estiża biex tinkludi ċ-ċertifikati koperti mill-Artikolu 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
